**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI ISTRUTTORJA**
[FL-ATT DWAR L-ESTRADIZZJONI MSEJĦA L-QORTI RIMANDANTI]

**Maġistrat Dr. Leonard Caruana LL.D., M.A. (Fin. Serv)**

**Il-Pulizija**
**(Spett. Roderick Spiteri)**

**Vs**

**Loiai Aljelda**

**Illum, 6 ta' Ġunju 2025.**

Il-Qorti,

Rat illi Loiai Aljelda, ta' 53 sena, ta' nazzjonalitá Sirjana, imwieled s-Sirja nhar id-09 ta' Jannar 1972, detentur tal-permess ta' residenza revokat numru MT6083654 u tal-karta tal-identità numru 0138210A tressaq taħt arrest peress li hu mfittex mill-awtoritajiet kompetenti ġudizzjarji fl-Ungerija pajjiż skedat ai fini tal-Artikolu 5 tal-Liġi Sussidjarja 276.05, u dan sabiex iservi sentenza ta' priġunerija.

Rat l-Allert taħt is-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen għall-finijiet ta' Estradizzjoni datat l-1 ta' April 2025, kif ukoll il-Mandat ta' Arrest Ewropew maħruġ minn Győri Törvényszék (Győri Regional Court) ġewwa l-Ungerija datat is-17 ta' Marzu 2025;

Rat iċ-Ċertifikat datat it-08 ta' April 2025 maħruġ mill-Avukat Ġenerali ai termini tar-Regolamenti 6A tal-Ordni dwar Pajjiżi Barranin Appuntati dwar l-Estradizzjoni (L.S. 276.05), hawnhekk aktar 'l quddiem imsejjaħ l-"Ordni";

Rat illi fis-seduta tat-05 ta' Mejju 2025 il-Qorti kkostatat illi l-persuna li tressqet quddiemha hija l-istess persuna li fil-konfront tagħha ġie maħruġ il-Mandat ta' Arrest Ewropew u dan skont l-Artikolu 10 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja Nru 276.05;

Rat il-provi mressqa mill-partijiet;

Semgħet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat;

Illi l-Mandat ta' Arrest Ewropew (hawnhekk aktar 'l quddiem imsejjaħ "MAE") huwa regolat fi ħdan l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea permezz tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2002 fuq il-Mandat ta' Arrest Ewropew u l-Proċeduri ta' Ċediment bejn l-Istati Membri (2002/584/ĠAI), kif emendata bid-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/299/ĠAI tas-26 ta' Frar 2009 li temenda d-Deċiżjonijiet Qafas 2002/584/ĠAI fost l-oħrajn, liema Deċiżjoni Qafas tifforma l-bażi tal-liġi nostrana fir-rigward, senjatament l-Ordni dwar Pajjiżi Barranin Appuntati dwar l-Estradizzjoni (L.S. 276.05) (hawnhekk aktar 'l quddiem imsejjħa l-"Ordni").

Illi l-Artikolu 1(1) u (2) tad-Deċiżjoni Qafas jistipolaw illi

> *1. Il-mandat ta' arrest Ewropew hi deċiżjoni ġudizzjarja maħruġa minn Stat Membru bl-iskop ta' l-arrest u ċ-ċediment minn Stat Membru ieħor ta' persuna rikjesta, għall-iskopijiet tat-tmexxija ta' prosekuzzjoni kriminali jew l-eżekuzzjoni ta' sentenza ta' kustodja jew ordni ta' detenzjoni.*

*2. L-Istati Membri għandhom jesegwixxu kwalunkwe mandat ta' arrest Ewropew fuq il-bażi tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku u skond id-dispożizzjonijiet ta' din id-Deċiżjoni Qafas.*

Illi l-prinċipju ġenerali li jifforma l-bażi tad-Deċiżjoni Qafas huwa spjegat fil-*Commission Notice – Handbook on how to issue and execute a European Arrest Warrant*[1] fejn hemm riportat is-segwenti:-

*"The Framework Decision on EAW reflects a philosophy of integration in a common judicial area. It is the first legal instrument involving cooperation between the Member States on criminal matters based on the principle of mutual recognition. The issuing Member State's decision must be recognised without further formalities and solely on the basis of judicial criteria.*

*The surrender of nationals is a principle and a general rule, <u>with few exceptions</u>. These exceptions concern the enforcement of custodial sentences in one's home country and apply equally to residents. In practice, about one fifth of all surrenders in the Union concern a country's own nationals."* (enfasi ta' din il-Qorti)

Illi l-Qrati nostrani wkoll kellhom l-opportunità li jissottolinejaw dan il-prinċipju. Filfatt, fis-sentenza **Carmelo Borg et vs Ministru Responsabbli mill-Ġustizzja u l-Intern et**[2] jingħad is-segwenti:

*"Fil-fehma kunsidrata ta' din il-Qorti, l-Ordni dwar Pajjizi Barranin Appuntati dwar l-Estradizzjoni jaghmel restrizzjonijiet fuq il-verifika gudizzjarja li huma permissibbli, ma humiex irragjonevoli[16], [[16] Persuna jibqghalha, per ezempju, d-dritt ta' appell lill-Qorti ta' l-Appell Kriminali kif ukoll id-dritt ghal rimedju kostituzzjonali – ara r-regolamenti 25 u 32. ] ma jikkozzawx ma' xi principji ta' gustizzja*

[1] **Commission Notice – Handbook on how to issue and execute a European Arrest Warrant** (C/2023/1270), datat 15 ta' Diċembru 2023, p. 10/166.
[2] **Carmelo Borg et vs Ministru Responsabbli mill-Ġustizzja u l-Intern et**, Qorti Kostituzzjonali, 15 ta' Mejju 2006 (App. Ċiv Nru 1080/2005/1)

*naturali, u li jinkwadraw fl-iskop tal-ligi principali, cioe` dak li tigi regolata l-estradizzjoni ta' persuna minn Malta ghal pajjiz barrani – f'dan il-kaz pajjizi ta' l-Unjoni Ewropea fejn prinċipju bazilari huwa dak tal-fiducja reciproka li dawn il-pajjizi ghandhom fis-sistema tal-gustizzja ta' xulxin."*

Illi *di più* il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fil-każ bl-isem ta' **Radu**[3] qalet illi:

*"34. Għalhekk, id-Deċiżjoni Qafas 2002/584 hija intiża li tistabbilixxi sistema ġdida simplifikata u iktar effikaċi ta' konsenja ta' persuni kkundannati jew suspettati bi ksur tal-liġi kriminali, biex tiġi ffaċilitata u aċċellerata l-kooperazzjoni ġudizzjarja sabiex tikkontribwixxi għat-twettiq tal-għan mogħti lill-Unjoni li ssir żona ta' libertà, ta' sigurtà u ta' ġustizzja billi tiġi bbażata fuq grad ta' fiduċja għolja li għandha teżisti bejn l-Istati Membri (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-28 ta' Ġunju 2012, West, C-192/12 PPU, punt 53 u l-ġurisprudenza ċċitata).*

*35 Abbażi tal-Artikolu 1(2) tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584, l-Istati Membri għandhom bħala regola prinċipali jilqgħu mandat ta' arrest Ewropew."*

Għalkemm il-prinċipju huwa wieħed ta' ko-operazzjoni sħiħa bejn l-Istati Membri, iċ-ċediment ta' persuna minn pajjiż rikjest għall-pajjiż rikjedent m'hijiex xi ħaġa awtomatika u l-Qorti tal-pajjiż rikjest trid teżamina jekk hemmx xi impediment għall-estradizzjoni, skont kif stipulati fid-Deċiżjoni Qafas u anke fl-Ordni nostrana.

[3] Każ Nru C-396/11, **Ciprian Vasile Radu,** sentenza tad-29 ta' Jannar 2013 (Awla Manja) (para 34 -35).

Ikkunsidrat

Illi mill-MAE odjern jirriżulta illi l-persuna rikjesta huwa mfittex mill-Awtoritajiet tal-Greċja sabiex jiskonta piena ta' tmien snin priġunerija, li minnu fadallu jiskonta erba' snin, 11-il xahar u sitt ijiem priġunerija u dan in segwitu għas-sentenza Nru 38.B.86/2020/491 erogata minn Győri Regional Court (prim' istanza) u s-sentenza Nru Bf.I.134/2023/31 erogata mill- Győri Regional Court of appeal (sekond' istanza), liema sentenza saret definittiva nhar id-9 ta' April 2024.

Ikkunsidrat;

Illi r-Regolament 5(6) tal-Ordni jelenka l-elementi meħtieġa għall-validità ta' Mandat ta' Arrest Ewropew wara sejbien ta' ħtija, senjatament li jikkontjeni: (i) d-dikjarazzjoni msemmija fis-subregolament 5(7) u (ii) l-informazzjoni msemmija fis-subregolament 5(8) tal-Ordni.

Illi fid-difiża tiegħu, il-Persuna Rikjesta tqajjem numru ta' argumenti proċedurali:

1. **Il-Persuna Rikjesta mhux qed tiġġerra barra kontra l-liġi:**

Illi fir-rigward tad-dikjarazzjoni meħtieġa mis-subregolament 5(7) tal-Ordni, il-Persuna Rikjesta teċċepixxi illi l-elementi tal-paragrafu (a) m'humiex sodisfatti u għaldaqstant il-MAW huwa wieħed null.

Illi s-subregolament 5(7)(a) tal-Ordni jistipula illi:

> *"(7) Id-dikjarazzjoni hi tali li –*
>
> *(a) jiġi allegat li l-persuna li dwarha jinħareġ il-mandat tkun qegħda tiġġerra barra kontra l-liġi wara li tkun insabet ħatja ta' reat imsemmi fil-mandat minn qorti fil-pajjiż skedat, u"*

Il-Persuna Rikjesta tissottometti li l-element ta' "*tiġġerra barra kontra l-liġi*" hu nieqes f'dan il-każ.

Fix-xhieda tiegħu huwa jgħid li hu ntbagħat l-Ungerija minn Malta fis-sena 2020 sabiex jiffaċċja proċeduri hemm. Jgħid li ma jafx dwar xiex kienu dawk il-proċeduri iżda li kien inżamm taħt arrest għal madwar tlett snin u xahrejn, u ċioè waqt li kienu għaddejjin il-proċeduri. Jgħid li fit-2 ta' Ġunju 2023, xi uffiċjali tawh kopja tas-sentenza tal-Qorti flimkien ma dokument u qalulu li għandu ħmistax-il jum biex jitlaq mill-Ungerija u li ma jistax jirritorna lura għal perjodu ta' għaxar snin mid-data tas-sentenza. Jgħid li hu fehem li kellu sentenza ta' priġunerija ta' tlett snin u li kellu jitlaq mill-Ungerija. Jgħid li mat-tieni jum huwa mar l-ajruport sabiex jiġi Malta iżda ma ħallewhx itir peress li ma kellux passaport. Jgħid li għalhekk kellu jitlaq bil-ferrovija u l-avukat tiegħu tah elf Ewro għall-vjaġġ peress li ma kellux flus. Jgħid li huwa mar l-Awstrija  u imbagħad l-Italja biex fl-aħħar wasal Malta. Jgħid li tul il-vjaġġ huwa wera d-dokument li ngħatalu kemm lill-uffiċjali Awstrijaċi  kif ukoll lil dawk Taljani u wara li dawn ċemplu rispettivament lill-awtoritajiet Ungeriżi, ħallewh jgħaddi mill-fruntiera tagħhom. Jgħid li ġie Malta u sussegwentement applika għall-ażil.[4] In kontro-eżami jgħid li ma kienx jaf li s-sentenza ġiet appellata u li qata' l-kuntatt mal-avukat li kellu. Jgħid li kien mar għand il-Pulizija ta' Malta, speċifikament il-Floriana, biex jieħdulu l-impronti diġitali. Mistoqsi mill-Qorti jgħid li waqt li kien arrestat hu qatt ma applika biex jiġi rilaxxat. Jgħid li hu ma kellux indirizz fiss l-Ungerija u li l-indirizz indikat fid-dokument li ngħatalu kien jirrisjedi fih għal ftit żmien ma ħabib tiegħu fl-2016 u li dak l-indirizz tahulhom il-ħabib tiegħu Martin. Jgħid li hu kien ġie arrestat minn dal-istess indirizz. Jgħid li ma jafx li huwa ħareġ bil-parole u li l-avukat tiegħu ukoll kien konfuż.

---

[4] Ir-rappreżentant tal-Aġenzija għall-Protezzjoni Internazzjonali (IPA) ikkonferma illi Loiai Aljelda kien ingħata Protezzjoni sussidjarja iżda din kienet skadiet peress li ma ġietx imġedda fiż-żmien. Ikkonferma li fl-2023, Loiai Aljelda kien applika għal re-instatement ta' dan l-istatus magħhom iżda l-applikazzjoni għadha qed tiġi pproċessata. Huwa jikkonferma wkoll li kien biss fl-aħħar ġimgħat li l-Aġenzija rċeviet komunikazzjoni dwaru mill-Pulizija u li qabel ma rċeviet xejn.

Jirriżulta mill-atti li l-Persuna Rikjesta, għall-ħabta tal-2015 jew 2016, kien mfittex mill-Awtoritajiet Awstrijaċi dwar każ ta' allegat traffikar ta' persuni. Dak iż-żmien kien ġie arrestat fl-Ungerija u meħud l-Awstrija u nstab ħati. Jgħid li kif skonta s-sentenza huwa ġie Malta u fl-2020 l-Awtoritajiet Ungeriżi kienu qed ifittxuh fuq l-istess fatti u ntbagħat minn Malta lejn l-Ungerija sabiex jirrispondi għal dawk il-proċeduri.

Illi l-Persuna Rikjesta ppreżentat wkoll kopja tad-dokument minnu msemmi tradott mil-lingwa Ungeriża kemm għal-lingwa Maltija kif ukoll għal dik Ingliża.[5] Illi dan id-dokument huwa intestat bħala "Ċertifikat ta' Rilaxx" u jirrizulta minnu illi l-Persuna Rikjesta nżammet arrestata bejn l-10 ta' Awwissu 2020 sat-02 ta' Ġunju 2023 u li fit-2 ta' Ġunju 2023 huwa ngħata "Rilaxx Kundizzjonali".[6]

Illi b'Digriet datat it-28 ta' Mejju 2025, ai termini tal-Artikolu 13A tal-Ordni, il-Qorti talbet lill-Awtoritajiet tal-Ungerija kjarifiċi dwar dan iċ-Ċertifikat ta' Rilaxx, speċifikament dwar (i) x'inhu dan id-dokument u x'inhuma l-effetti tiegħu fuq il-Persuna Rikjesta; (ii) mil-liema Awtorità u għal-liema skop inħareġ u (iii) jekk fil-mument li ngħatalu dan iċ-Ċertifikat, huwa ġiex nfurmat li kellu ħmistax-il jum biex jitlaq mill-Ungerija u li kellu wkoll *ban* ta' għaxar snin imposti fuqu milli jerga' jirritorna.

Illi fil-komunikazzjoni tal-Awtoritajiet Ungeriżi datata t-2 ta' Ġunju 2025 jirriżulta s-segwenti:

> *"The release certificate sent was issued by the Sopronkõhidai Prison and Penitentiary for the purpose of certifying the release of Loiai Aljelda from the arrest conducted to secure his presence on the trials. The certificate was issued because the court of first instance did not consider further detention necessary after the judgment was handed down…*

---

[5] Ara dok "JG2" u "JG3" rispettivament

[6] Fil-verżjoni bil-lingwa Ingliża "Released on Parole"

*The convicted person was informed of the fact and duration of the expulsion in the non-final first-instance judgment, which was upheld on second instance by the Györ Regional Court of Appeal in its judgment No. Bf. I.1.134/2023/31.*

*… omissis…*

*Considering the available documents, since the expulsion was imposed in addition to the prison sentence to be executed, its execution would have taken place only after its completion or after his release from the sentence in another way. However, the execution of the prison sentence itself was also hindered, because although he received the letter calling him to report for his prison sentence at his Maltese address, he did not start serving his prison sentence, therefore the National Command of the Execution of Prisons initiated the issuance of an arrest warrant.*"

Illi fis-sottomissjonijiet tiegħu, il-Persuna Rikjesta tissottometti li għalkemm huwa vera li nstab f'Malta, il-ħruġ tiegħu mill-Ungerija ma kienx kontra l-liġi. Anzi, jgħid li huwa ħareġ mill-Ungerija b'mod legali u dan bis-saħħa taċ-Ċertifikat ta' Rilaxx lilu mogħti. Filfatt, jgħid li huwa qasam b'suċċess il-fruntieri ta' żewġ pajjiżi Ewropej qabel ma wasal f'Malta u kull darba huwa tħalla jgħaddi mingħajr xkiel wara li l-istess uffiċjali tal-fruntieri għamlu l-verifiki neċessarji. Jgħid li f'Malta huwa applika biex l-istatus li kellu mal-Aġenzija għall-Protezzjoni Internazzjonali jiġi riattivat u f'ebda mument, qabel ma ħareġ il-preżenti MAE, ma' kien imfittex mill-Awtoritajiet ta' Malta.

Illi għalhekk, fir-rigward ta' din id-difiża, il-Persuna Rikjesta qed issostni li kuntrarjament għal dak ritenut fil-MAE, huwa m'humiex qed jiġġerra barra kontra l-liġi (fil-verżjoni bl-Ingliż tal-Ordni jingħad "unlawfully at large"). Illi

dwar it-tifsira ta' dawn il-kliem, il-Qorti tagħmel referenza għal dak ritenut fis-sentenza **The Police vs Marek Drga**[7] fejn intqal hekk:

*"22. The Order does not define the phrase "unlawfully at large"; nor does the Extradition Act, for that. As already stated, Maltese Law was modelled on the English Law governing the European Arrest Warrant procedure during the time when England and Wales were still enforcing this specific procedure in their jurisdiction. Therefore once that Maltese Law does not define the phrase "unlawfully at large" reference is to be made to English Law as a source of inspiration for the proper meaning for the said phrase also within a Maltese legal context.*

*23. According to the English Extradition Act, 2003, a person is alleged to be "unlawfully at large" after conviction of an offence if:*

*(a) he is alleged to have been convicted of it, and*

*(b) his extradition is sought for the purpose of his being sentenced for the offence or of his serving a sentence of imprisonment or another form of detention imposed in respect of the offence.*

*24. In the Briefing paper to the House of Commons, number 07016 of the 18th April 2017, it was held that:*

*If the requested person has been convicted, the documentation must make it clear that the person is 'unlawfully at large' (liable to immediate arrest and detention). The requested person can then be arrested and brought before a court. [footnote Nr. 3: https://researchbriefings.files.parliament.uk/documents/SN07016/SN07016.pdf accessed on the 3rd August 2021.]*

[7] **The Police vs Marek Drga**, Qorti tal-Appell Kriminali, 6 ta' Awwissu 2021 (MAE Nru 421/2021).

*25. Moreover, the Crown Prosecution Service in England and Wales too consider the specific meaning of the phrase "unlawfully at large" by reference to the specific procedural context of the convict. Thus:*

> *Where a person has already been sentenced for an offence but has yet to serve that sentence in full, an EAW may be issued for the purpose of arrest and extradition so that the requested person serves the outstanding portion of the sentence. This may arise when:*
>
> *1. a person is sentenced in absence following conviction;*
>
> *2. a serving prisoner absconds;*
>
> *3. a person is released from the custodial element of their sentence subject to licence, and the licence is subsequently revoked due to a breach of the licence conditions, leading to a recall to prison. [footnote Nr. 4: https://www.cps.gov.uk/legal-guidance/extradition accessed on the 3rd August 2021.]*

*...Omissis...*

*27. Given that the appellant was not present before the Czech Court when the final and absolute judgment was delivered against him, and therefore was not present to serve the sentence meted out against him, then he is to be deemed as a person sentenced in absence following a conviction. That, according to this interpretation of English Law makes him "unlawfully at large".*

*28. This Court sees no reason why this same interpretation ought not also apply to an analogous case within a Maltese Legal context."*

Illi b'żieda ma dan il-bran, l-awturi **Jones and Doobay**[8] jgħidu illi:

> *"There is no definition of "unlawfully at large" in the 2003 Act. However, this term was also used in the 1989 Act and was generally taken to mean that a person was liable to immediate arrest and detention in the requesting territory with a view to his being sentenced or serving his sentence. In many civil jurisdictions a defendant does not become liable to immediate arrest and detention until his appeal has been determined."*

Ikkunsidrat;

Illi mill-fatti ta' dan il-każ jirriżulta li fit-2 ta' Ġunju 2023 il-Persuna Rikjesta instabet ħatja mill-Qorti Reġjonali ta' Győri u ġie kkundannat għal sitt snin priġunerija u mkeċċi mit-territorju Ungeriż għal perjodu ta' għaxar snin. Dakinhar ukoll huwa ngħata ċ-Ċertifikat tar-Rilaxx u, skontu, qalulu li ngħata sentenza ta' tlett snin u li ma jistax jersaq lura lejn l-Ungerija għall-perjodu ta' għaxar snin. Illi minn dan iċ-Ċertifikat jirriżulta, madanakollu li huwa ġie rilaxxat <u>b'mod kondizzjonali</u> u għalhekk ir-rilaxx tiegħu <u>m'huwiex assolut</u>. Tant hu hekk, li l-proċeduri fil-Qrati tal-Ungerjia baqgħu għaddejjin b'appell kemm min-naħa tal-prosekuzzjoni <u>kif ukoll min-naħa tal-Persuna Rikjesta</u>[9] liema proċeduri intemmu b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell ta' Győri nhar id-9 ta' April 2024 u għaldaqstant l-arrest tiegħu sar immedjat.

Illi huwa jissottometti li ladarba tħalla jgħaddi mill-fruntieri tal-Ungerja, tal-Awstrija u tal-Italja mingħajr xkiel, allura ma jistax jingħad li qed jiġġerra barra kontra l-liġi għaliex il-ħruġ tiegħu mill-Ungerija ma kienx kontra l-liġi. Illi apparti li l-Persuna Rikjesta ma ġabet ebda prova ta' dan, l-Qorti tara li ċ-ċirkostanzi legali tiegħu fil-perjodu li fih għamel it-traġitt lejn Malta

---

[8] **Jones and Doobay on Extradition and Mutual Assistance**, Alun Jones, Q.C. u Anand Doobay, Thomson, Sweet and Maxwell, third Edition, 2005, para 7-006. P. 166.

[9] Ara fol 49 tal-atti proċesswali fejn fil-paragrafu Nru 4 tas-sentenza jingħad: *"[4] The defence counsel of first defendant filed an appeal…for the termination of proceedings on grounds of res judicata."* Fl-istess sentenza, a fol. 48 tal-atti proċesswali, il-Persuna Rikjesta huwa mfisser hekk "*The sentence of imprisonment of first defendant Aljelda Loiai is increased to 8 (eight) years*."

inbiddlu kompletament mal-għoti tas-sentenza finali mill-Qorti tal-Appell ta' Győri. Illi għalkemm huwa xehed quddiem din il-Qorti li bl-ewwel sentenza huwa fehem li ġie kkundannat għal tlett snin priġunerija u *ban* ta' għaxar snin, il-Qorti ssib li tali dikjarazzjoni ma taqbel xejn mal-fatt li huwa stess interpona appell minn tali sentenza abbażi tad-difiża ta' *ne bis in idem*, liema difiża diġà tressqet quddiem dawn il-Qrati kemm fil-proċeduri ta MAE preċedenti[10] kif ukoll f'dawn il-proċeduri aktar 'l isfel.

Illi għalhekk, ġie pprovat li quddiem din l-Qorti tal-Appell ta' Győri ġiet ikkonfermata il-ħtija tiegħu u żiedet il-perjodu ta' priġunerija u li l-Persuna Rikjesta huwa mfittex sabiex iservi tali piena. Ġie pprovat ukoll li l-Persuna Rikjesta nstab f'Malta fil-perjodu ta' bejn wara li ngħatat l-imsemmija sentenza iżda qabel ma skonta l-piena erogata. Għalhekk, abbażi tal-insenjament mogħti fis-sentenza **The Police vs Marek Drga,** il-Qorti qed issib illi l-Persuna Rikjesta huwa persuna li qed tiġġerra barra kontra l-liġi ("unlawfully at large") wara li tkun nstabet ħatja ta' reat imsemmi fil-MAE.

Illi għalhekk, il-Qorti qed issib illi l-elementi tas-subregolament 5(7)(a) tal-Ordni huma sodisfatti.

[10] Ara **il-Pulizija vs Loiai Aljelda**, MAE Nru 173/2020 annessi ma' dawn il-proċeduri.

Ikkunsidrat;

2. **Il-MAE huwa null għax ma jagħmilx referenza għall-MAE ieħor preċedenti kontrih:**

Illi l-Persuna Rikjesta tissottometti li dan il-MAE huwa null ukoll għaliex ma jissodisfax l-elementi tas-subregolament 5(8)(ċ) tal-Ordni. Illi dan is-subregolament jistipula illi:

> *"(8) L-informazzjoni hi -*
>
> *...Omissis...*
>
> *(ċ) il-partikolaritajiet ta' kull mandat ieħor maħruġ fil-pajjiż rikjedenti għall-arrest ta' persuna dwar ir-reat;*"

Huwa jgħid li ladarba f'dan il-każ inħareġ MAE preċedentement, l-Awtoritajiet Rikjedenti kellhom jannettuh mal-preżenti MAE u mhux tkun il-prosekuzzjoni li titlob li dawk il-proċeduri jiġu annessi mal-preżenti.

Illi din is-sottomissjoni m'għandhiex mis-sewwa. Fl-ewwel lok, dan is-subregolament jirreferi għal **kull mandat ieħor** u mhux għal MAE preċedenti kif qed jissottometti l-Persuna Rikjesta. Fit-tieni lok, tali mandat ieħor irid ikun inħareġ <u>għall-arrest ta' persuna</u>, ossija jrid ikun għadu mandat pendenti u viġenti. Fil-każ *de quo*, il-MAE preċedenti ġie terminat mal-mument li l-Persuna Rikjesta għaddiet taħt l-awtoritajiet Ungeriżi.

Illi għalhekk, fil-fehma tal-Qorti, dan il-kweżit jsir applikabbli biss jekk fil-Pajjiż Rikjedenti jkunu nħarġu mandati oħra lil hinn mill-MAE. Illi fil-każ *de quo* ma rriżulta f'ebda mument li l-Awtoritajiet Ungeriżi ħarġu xi mandati oħra apparti dak li jifforma l-bażi tal-MAE odjern, għalhekk il-Qorti qed issib li l-elementi ta' dan is-subregolament 5(8) tal-Ordni huma wkoll sodisfatti.

Ikkunsidrat;

### 3. Il-MAE m'għandux kopja tas-sentenza li fuqu huwa bbażat:

Illi l-Persuna Rikjesta tissottometti wkoll illi l-MAE odjern jippekka gravement għaliex m'għandux kopja tas-Sentenza li fuqha qed jintalab l-istess MAE in oriġinal u għalkemm għandha timbru, m'huwiex magħruf jekk dak it-timbru huwiex uffiċjali. Jidher ukoll li l-Awtoritajiet tal-pajjiż rikjedenti bgħatu sunt tas-sentenza u mhux l-intier tagħha.

Illi dwar id-dokumenti li għandhom jakkumpanjaw MAE, il-Qorti tagħmel referenza għal dak riportat fil-Manwal tal-Kummissjoni Ewropea[11] fejn jingħad illi:

> "*L-eżistenza tad-deċiżjoni ġudizzjarja domestika jew tal-mandat ta' arrest trid tiġi indikata fuq il-formola tal-MAE meta jinħareġ il-MAE (l-Artikolu 8(l)(c) tad-Deċiżjoni Qafas dwar il-MAE u ara t-Taqsima 3.2). Id-deċiżjoni jew il-mandat ma għandhomx għalfejn jiġu mehmuża mal-MAE.*"

Illi jirriżulta ampju mill-MAE odjern illi hemm referenza ċara għas-sentenza li fuqha nħareġ l-istess MAE u għalhekk, ladarba dan il-kweżit huwa sodisfatt, il-Qorti m'hijiex ser tinoltra ruħha fuq l-osservazzjonijiet l-oħra magħmulha fir-rigward.

Illi l-Qorti għalhekk ssib ukoll li l-forma tal-MAE kif preskritta mir-regolament 5A(2) tal-Ordni hija b'dan sodisfatta.

Inoltre, jirriżulta wkoll li l-pajjiż Rikjedenti huwa pajjiż skedat skont l-Iskeda I tal-Ordni filwaqt li miċ-Ċertifikat maħruġ mill-Avukat Ġenerali nhar it-08 ta' April 2025 ai termini tal-Artikolu 6A tal-Ordni, jirriżulta illi l-awtorità li

[11] Avviż tal-Kummissjoni – Manwal dwar kif toħroġ u teżegwixxi mandat ta' arrest Ewropew, (C/2023/1270), pg 15.

ħarġet il-preżenti MAE għandha l-funzjoni li titlob il-ħruġ ta' allerti ġewwa l-Greċja.

Għalhekk, abbażi ta' dan, il-Qorti qed issib illi l-MAE odjern huwa formalment korrett u jissodisfa l-kweżiti kollha tar-regolamenti hawn imsemmija.

Ikkunsidrat;

Illi r-Regolamenti 13 *et seq* tal-Ordni jistabbilixxi x'inhuma l-impedimenti għall-estradizzjoni, ossija s-segwenti:

> *"**13.** (1) Jekk il-qorti hija meħtieġa li tipproċedi skont dan l-artikolu hija għandha tiddeċiedi jekk it-treġġigħ lura tal-persuna fil-pajjiż skedat huwiex ipprojbit minħabba:*
>
> *(a) ir-regola ta' ne bis in idem;*
> *(b) l-età tal-persuna;*
> *(ċ) amnestija.*
>
> *(1A) Jekk il-qorti tkun meħtieġa tipproċedi skont dan l-artikolu, hija tista' tirrifjuta li teżegwixxi t-treġġigħ lura tal-persuna lejn il-pajjiż skedat jekk it-treġġigħ lura jkun ipprojbit minħabba:*
>
> *(a) preskrizzjoni jew l-iskadenza tal-perjodu ta' żmien;*
> *(b) speċjalità;*
> *(ċ) l-estradizzjoni preċedenti tal-persuna lejn Malta minn pajjiż skedat ieħor;*
> *(d) l-estradizzjoni preċedenti tal-persuna lejn Malta minn pajjiż li mhuwiex pajjiż skedat."*

Illi fil-każ in eżami, apparti d-difiżi diskussi hawn fuq, il-Persuna Rikjesta qed tissolleva wkoll impediment skont ir-regolament 13(1)(a) tal-Ordni.

## 4. Ir-Regola ta' *Ne bis in idem*:

Illi fix-xhieda tiegħu, il-Persuna Rikjesta tgħid li diġà għadda proċeduri simili u nstab ħati mill-Qrati tal-Awstrija u issa reġa' nstab ħati mill-Qrati tal-Ungerija u għalhekk din il-Qorti hija impeduta milli tordna li jinżamm taħt kustodja fi stennija għat-treġġigħ lura tiegħu lejn l-Ungerija.

Illi l-Persuna Rikjesta, madankollu, minkejja li jissolleva din id-difiża, ma ressaq ebda prova sabiex jissostanzja din l-allegazzjoni tiegħu. L-uniċi provi li din il-Qorti għandha fil-proċess rigwardanti l-impediment ta' ne bis in idem huma s-sentenzi eżebiti, ċioè:

1. Is-sentenza fl-ismijiet The Police vs Loiai Aljelda, mogħtija minn din il-Qorti diversament ippresjeduta nhar it-3 ta' Ġunju 2020, fejn f'dik is-sentenza il-Qorti daħlet *in profundis* fuq l-impediment ta *Ne bis in idem* u l-provi hemm prodotti. F'dik is-sentenza, il-Qorti ċaħdet din id-difiża u ordnat it-treġġigħ lura tiegħu lejn l-Awtoritajiet Ungeriżi.

2. Is-sentenza fl-ismijiet The Police vs Loiai Aljelda, mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-07 ta' Lulju 2020, fejn il-Qorti kkonfermat is-sentenza tal-Ewwel Qorti u, konsegwentement, ċaħdet l-impediment ta' *ne bis in idem*.

3. Is-sentenza tal-Qorti tal-Appell ta' Győri tad-9 ta' April 2024 (fuq liema sentenza huwa bbażat il-MAE odjern) fejn anke hemmhekk, il-Persuna rikjesta ssollevat id-difiża li huwa diġà nstab ħati ta' dawk ir-reati mil-Qrati tal-Awstrija[12].

[12] Ara l-paragrafi Nru [4], [6] u [7] tas-sentenza a fol. 48 tal-atti proċesswali.

Illi f'dawn is-sentenzi, id-diversi Qrati msemmija diġà ddeċidew li ma hemm ebda każ ta' *ne bis in idem*. Għalhekk, fid-dawl ta' dawn is-sentenzi kif ukoll fid-dawl li din il-Qorti m'għandhiex provi oħra x'teżamina in sostenn ta' din id-difiża, qed issib li din id-difiża ma ġietx ippruvata u għalhekk qed tiċħadha.

Ikkunsidrat;

Illi għalhekk, fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet hawn fuq magħmula, il-Qorti qed issib illi t-treġġigħ lura tal-persuna rikjesta m'huwiex impedut għal xi waħda mir-raġunijiet imsemmija fis-subregolamenti 13(1) jew (1A) u ġie ukoll allegat li l-Persuna Rikjesta qed tiġġerra barra kontra l-liġi wara li nsabet ħatja tar-reat ta' estradizzjoni. Għalhekk imiss issa li l-qorti tmexxi taħt ir-regolament 23 tal-Ordni.

Illi jirriżulta mill-MAE odjern illi l-Persuna Rikjesta ma kienx preżenti waqt li nstab ħati u għalhekk il-Qorti għandha tmexxi biex tara jekk xi wieħed mill-elementi tar-regolament 23(3) tal-Ordni huwiex sodisfatt.

### 5. L-informazzjoni fil-MAE ma taqbilx mal-informazzjoni mogħtija lill-Qorti fil-komunikazzjoni tat-2 ta' Ġunju 2025:

Illi hawnhekk, il-Persuna Rikjesta tissottometti li fil-komunikazzjoni tal-Awtoritajiet Ungeriżi tat-2 ta' Ġunju 2025 magħmula skont l-Artikolu 13A tal-Ordni, jingħad illi:

> *"However, the execution of the prison sentence itself was also hindered, because although he received the letter calling him to report for his prison sentence at his Maltese address, he did not start serving his prison sentence, therefore the National Command*

*of the Execution of Prisons initiated the issuance of an arrest warrant."*

Jgħid għalhekk li abbażi ta din id-dikjarazzjoni, jirriżluta ċar li ma ġewx imħarsa d-disposizzjonijiet tas-subregolament 23(3)(ċ) tal-Ordni. Jgħid ukoll, b'żieda ma dan, li l-Awtoritajiet Ungeriżi mmarkaw il-paragrafu 3.4 tat-Taqsima (d) tal-MAE, fejn jingħad:

**3.4. the person was not personally served with the decision, but**

- **the person will be personally served with this decision without delay after the surrender; and**

- **when the order is served, they will be explicitly informed of their right to another hearing or an appeal, at which the person is entitled to appear, and that the substance of the case, including new evidence, will be re-examined, with the new hearing potentially overturning the original order; and**

- **the person will be informed of the timeframe within which they have to request a retrial or appeal, which will be 10 days from the serving of the decision."**

Huwa jissottometti li għalhekk li filwaqt li l-MAE jagħti l-impressjoni li l-Persuna Rikjesta ma ġiex notifikat, fil-komunikazzjoni msemmija l-istess awtoritajiet jagħtu stampa differenti  u jgħidu li ġie notifikat. Abbażi ta' din id-dikjarazzjoni, l-MAE ma setgħetx ikollha l-paragrafu 3.4 tat-Taqsima (d) magħżula.

Illi l-Qorti tara li ma hemm ebda kontradizzjoni bejn dak li mmarkaw l-Awtoritajiet Ungeriżi fil-MAE u dak li qalu fil-komunikazzjoni tagħhom. Dan

għaliex in-natura tan-notifika msemmija fil-komunikazzjoni hija dwar is-smiegħ pubbliku tad-9 ta' April 2024 quddiem il-Qorti tal-Appell ta' Győri filwaqt li l-paragrafu 3.4 tat-Taqsima (d) tal-MAE qed jitkellem dwar in-notifika tad-Deċiżjoni, ossija sentenza. Illi għalhekk, huwa s-subregolament 23(3)(d) tal-Ordni li għandu jsib l-applikazzjoni f'dan il-każ u mhux is-subregolament 23(3)(ċ) tiegħu.

Għalhekk, il-Qorti qed issib li l-elementi tas-subregolament 23(3) tal-Ordni huwa wkoll sodisfatt u għalhekk tista' tmexxi skont l-Artikolu 24 tal-istess Ordni.

**Deċide:**

Għaldaqstant, għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti, ai termini tal-Ordni dwar Pajjiżi Barranin Appuntati dwar l-Estradizzjoni (L.S. 276.05), qed tiddeċiedi li t-treġġigħ lura ta' **Loiai Aljelda** lejn l-Ungerija **m'huwiex impedut** u għalhekk, ai termini tar-Regolament 24 tal-Ordni msemmija:

1. Qed tordna li **Loiai Aljelda** għandu jinżamm taħt kustodja fi stennija għat-treġġiħ lura lejn l-Ungerija, bħala pajjiż skedat minn fejn inħareġ il-Mandat t'Arrest Ewropew odjern;

Skont ir-Regolament 25 tal-Ordni msemmija, moqri flimkien mal-Artikolu 16 tal-Att Dwar l-Estradizzjoni (Kap. 276 tal-Liġijiet ta' Malta), il-Qorti qed tinforma lill-estradat li:

2. M'huwiex se jiġi mreġġa' lura lejn l-Ungerija qabel ma jgħaddu sebat' ijiem mid-data ta' din l-Ordni ta' kustodja;

3. Huwa għandu dritt li jinterponi appell minn din id-Deċiżjoni quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali; u

4. Jekk jidhirlu li xi wieħed mid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 10(1) u (2) tal-Att dwar l-Estradizzjoni, (Kap. 276 tal-Liġijiet ta Malta), ġie miksur jew li xi dispożizzjoni tal-Kostituzzjoni ta' Malta jew tal-Att

dwar il-Konvenzjoni Ewropeja (Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta), tkun ġiet jew x'aktarx tkun sejra tiġi miksura, dwar il-persuna tiegħu hekk li tkun ġustifikata r-revoka, l-annullament jew il-modifika tal-ordni tal-kustodja tal-Qorti, huwa għandu jedd jitlob rimedju skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 46 tal-istess Kostituzzjoni jew tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea skont il-każ u dan id-dritt qiegħed minn issa jiġi riżervat a favur tal-persuna rikjedenti anke abbażi ta' dak espost f'din id-deċiżjoni.

**Ft.Dr. Leonard Caruana B.A., LL.D., M.A (Fin. Serv)**
**Maġistrat**

**Sharonne Borg**
**Deputat Reġistratur**